IS-SOLIDARJETÀ

# FID-DOKUMENTI
# TAS-SINODU DJOĊESAN

SERJE VALURI TAS-SINODU – 6

Matul is-Sinodu Djoċesan, fi proċess ta' dixxerniment, ġew identifikati sitt valuri fundamentali. Dawn huma l-valuri bażiċi li wieħed isib fid-dokumenti tas-Sinodu Djoċesan.

Dawn huma: l-evanġelizzazzjoni, il-komunjoni, il-formazzjoni, id-djalogu, il-qadi, is-solidarjetà.

Dan il-ktejjeb jagħti r-referenzi prinċipali li wieħed isib għas-solidarjetà, b'attenzjoni partikulari għall-imbegħdin u l-emarġinati, fid-dokumenti tas-Sinodu.

Wieħed għandu jikkonsulta d-dokumenti nfushom biex ikollu t-test sħiħ.

Ħajr lil Dun Joe Mizzi li ġabar flimkien dawn ir-referenzi.

## Viżjoni ta' Knisja komunjoni

- Xhieda aktar qawwija ta' solidarjetà mal-imbegħdin jew diskriminati minn ħaddieħor – 9;
- Knisja qrib tal-batut u tal-imbiegħed – 43;
- Knisja li tkun f'solidarjetà sħiħa mal-bniedem fejn qiegħed – 43;
- L-għażla preferenzjali tal-fqar tfisser konverżjoni radikali tal-moħħ u tal-qalb kif ukoll is-solidarjetà bħala stil ta' ħajja – 46,47.

## Kultura – Soċjetà – Knisja

- Il-Knisja kienet pijuniera fejn tidħol il-kura ta' dawk li huma mwarrbin mis-soċjetà – 9;
- Mhux biss ħadd m'għandu jinqabeż mill-pastorali tal-Knisja, anzi għandha tingħata importanza lil dawk li tbiegħdu mill-prattika tal-ħajja nisranija – 11;
- Li ma nwarrbu lil ħadd tfisser li dejjem nilqgħu fi spirtu ta' djalogu u rispett, u b'fedeltà lejn l-Evanġelju u fid-dawl tal-qawwa tiegħu, lil dawk li għal xi raġuni jħossuhom emarġinati fil-Knisja – 11.

## Lajċi Nsara

- Li jkun hemm attenzjoni speċjali għall-Maltin li tbiegħdu mill-Knisja u għal dawk li huma emarġinati, is-sieħba fis-setet jew f'xi denominazzjoni jew reliġjon oħra – preż, 74;
- Il-lajċi jgħixu u jibnu s-Saltna ta' Alla fil-ħajja ta' kuljum ma' kulħadd, ma' dawk li m'humiex membri tal-komunità nisranija jew m'humiex prattikanti – 9.

## Xandir tal-Kelma

- Kull parroċċa trid toħloq metodi biex tintebaħ b'dawk li ma jersqux għat-tagħlim, u waqt li tirrispetta d-deċiżjoni tagħhom, toffrilhom id miftuħa ħalli tħajjarhom isibu t-triq tagħhom lejn Alla – 14

## Liturġija u Sagramenti

- L-insara kollha huma fid-dmir li jagħmlu żjajjar lill-morda fid-djar jew fl-isptarijiet – 48

## Djakonija u Ġustizzja

- L-imħabba tagħna għandha tasal għand dawk li huma fil-bżonn tal-għajnuna, huma min huma – 1;

- Nagħtu sehemna fil-bini ta' strutturi ta' solidarjetà – 5;
- Aħna lkoll responsabbli lejn xulxin – 10;
- Tgħin kemm dawk fil-qrib kif ukoll dawk fil-bogħod mhux biss miż-żejjed iżda wkoll min-neċessarju – 10;
- Hawn min jabbuża mis-sistema ta' benefiċċji u dan huwa nuqqas serju ta' solidarjetà – 18;
- Solidarjetà mar-refuġjati u l-emarġinati u mhux biss karità kif ukoll l-opportunità li jipparteċipaw f'komunità ta' bnedmin fejn id-dinjità u d-drittijiet tagħhom huma mħarsa – 21;
- Il-bniedem għax hu xbieha ta' Alla bis-solidarjetà kapaċi jmur lil hemm minnu nnifsu u jkun bniedem għal ħaddieħor – 29;
- Is-solidarjetà mhix li wieħed jitħassar lill-ieħor, iżda rieda soda u perseveranti ta' impenn b'riżq il-ġid komuni – 29;
- Il-familja hi skola ta' solidarjetà – 30.

**Żwieġ u Familja**

- Kiber in-numru ta' familji ġenerużi li lesti jimpenjaw ruħhom favur min hu fil-bżonn – 12;

- Lil dawk li qegħdin jgħixu f'sitwazzjonijiet irregolari, il-Knisja, filwaqt li tkompli turihom it-triq it-tajba, trid tkompli taqdihom u tqishom bħala wliedha – 27;

- Il-kappillani tal-parroċċi għandhom ikunu qrib dawk li qegħdin jgħixu fi żwiġijiet bi prova, f'għaqdiet bla ebda rabta, insara li żżewġu bi żwieġ ċivili biss, dawk f'relazzjonijiet bejn persuni ta' l-istess sess dawk li ġabu d-divorzju minn barra u reġgħu żżewġu ċivilment biex b'xi mod jgħinuhom jagħmlu mixja ta' fidi – 49;

- Il-Knisja għandha tkun qrib il-koppji bla tfal, biex dawn jaslu biex jiskopru li, minkejja li ma jistgħux ikollhom ulied, xorta waħda jistgħu jkunu ta' siwi kbir billi "jagħtu ħajja" lis-soċjetà, permezz ta' ħidma edukattiva, għajnuna lil familji oħra jew lill-fqar, jew lil tfal b'diżabilità – 55;

## Adolexxenti u Żgħażagħ

- Huwa meħtieġ li l-Knisja tieħu inizjattivi pastorali ġodda biex tgħin lil ħafna żgħażagħ b'diżabilità fl-oqsma edukattivi u soċjali, u billi ġġib 'il quddiem ħolqien ta' xogħol – 55;

- Għandu jingħeleb kull xkiel ta' parteċipazzjoni u integrazzjoni taż-żgħażagħ b'diżabiltà fil-ħajja tal-Knisja – 55;

- Il-Knisja lil dawk iż-żgħażagħ li skoprew l-identità omosesswali tagħhom għandha tagħtihom l-opportunità li jintegraw ruħhom fil-Knisja u fis-soċjetà – 55;

- Il-Knisja trid tkompli toħroġ minnha nfisha biex taqsam l-esperjenza tagħha u tal-Mulej Ġesù ma' dawk li huma fil-periferija jew anki li huma kompletament indifferenti lejha – prinċipji gwida 6.